MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Talba Numru. 923/2004

**APS Bank Limited**

**Vs**

**Philip Anthony Azzopardi (ID 242956M)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf u sebgha u tmenin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm1,087.18c) dovuta kwantu ghas-somma ta' disa' mitt lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm900.32c) bhala bilanc ta' debitu ta' *Loan Account* numru 107792332037 kwantu ghas-somma ta' mija u disgha u hamsin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm159.35c) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 10779330013 kwantu ghas-somma ta' sitta u ghoxrin lira Maltin u sitta w erbghin

centezmu (Lm26.46c) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 20000098735 u kwantu ghas-somma ta' lira Maltija u hames centezmi (Lm1.05c) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 20000098986 oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas dan id-debitu izda baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez u drittijiet ta' dawn il-proceduri u l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.

Ra illi l-konvenut Philip Anthony Azzopardi, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema' lil Cheryl Ciappara tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur is-somma ta' elf u sebgha u tmenin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm1,087.18c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------